**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 13**

**Data:** **29 ta' Mejju 2025**

**Hin:** **9.08am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

13.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

13.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

13.5 Korrispondenza u Rapporti;

13.6 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2024;

13.7 Playing Field Triq Birbuba;

13.8 Applikazzjoni Gozo Action Group;

13.9 Progett M4.3;

13.10 Materji ohra;

13.11 Skeda ta' Pagamenti;

13.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**13.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

13.1.1 Ma kinex hemm ittri ta' apologija.

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.3.1 Is-Sindku semma l-istedina li saritlu biex jitla' l-Awstrajla ghall-vjagg lejn l-Awstralja ghal-funeral ta' Mons Beneditt Camilleri. Il-Vici Sindku talab li ssir minuta silenzju bhala rispett ghat-telfa ta' Mons Beneditt Camilleri.

Saret Minuta ta' Silenzju.

Tkompliet il-laqgha fejn is-Sindku qal ukoll li fit-tebut kien tpogga tubu tal-istainless steel li fih kien hemm messagg li kien sar mill-Arcipriet Travor Sultana waqt il-quddiesa ghar-ruhu f'Ta' Pinu u flimkien mieghu kien hemm dedikata f'isem il-poplu tal-Gharb u tal-Kunsill sabiex jekk fil-futur dan it-tebut ghad jinfetah tibqa'prova ta' min kien Mons Beneditt Camilleri. Huwa qal ukoll li aktar il-quddiem dan ser jigi transferit mill-post tad-difna t'issa ghal Bacchus March.

**13.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

13.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**13.5 Korrispondenza u Rapporti**

13.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar: PA/03017/25, PA/03000/25, PA/03349/25, PA/03390/25, PA/03200/25 u PA/03178/25.

Is-Sindku rrefera ghall-applikazzjoni numru PA/03390/25 fejn kienet qed issir talba ghal kostruzzjoni ta' sheep farm. Huwa qal li ha parir ta' perit pero' mhux il-Perit tal-Kunsill peress li kien hu li kien qed japplika ghan-nom tal-klijent fir-rigward ta' din l-applikazzjoni. Fuq dan huwa wera ritratti flimkien ma' pjanti tal-proposta li qeghda ssir. Gie spjegat ukoll li r-residenti qeghdin jaghmlu oggezjoni. Huwa qal li bhala *farm* ma jistax ikun go zona residenzjali imma ODZ. Tonio Mifsud qal li dan ghandu jkun aktar minn 200 metru l-boghod. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ma tiksirx ligijiet. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li m'ghandha ssir ebda oggezjoni pero' ghandha tintbghat ittra lill-Awtorita' tal-

Ippjanar irid ikun attenti li ma tinkiser ebda' restrizzjoni tal-ligi. Il-Kunsill qabel ukoll li din l-ittra jew tibtbghat mill-Kunsill jew tibghat mill-Perit Stellini.

Saret referenza ghall-Applikazzjoni numru PA/03200/25 sabiex isir kiosk fejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u nnota l-impatt viziv li jhalli f'dan il-post u li l-post fejn qed tintalab l-applikazzjoni hija propjeta' tal-knisja. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lid-Djocesi ta' Ghawdex u lir-Rettur tas-Santwarju ta' Pinu b'din l-applikazzjoni.

13.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand Josephine Caruana fir-rigward ta' hajt tas-sejjieh li waqa' minhabba x-xita fi Triq tan-Nejgu. Is-Sindku spjega li kien hemm diga problema minhabba li meta kien qed isir il-progett tal-bini tal-hitan tas-sejjieh is-sid kien iffirma li jrid li jsir il-hajt u wara kien qal li dan kien sar minghajr permess u li ghaldaqstant kienu ser itellghu lill-Kunsill il-Qorti. Issa li waqa' dan ilhajt, l-Kunsill qed jintalab sabiex jerga' jibnieh mil-gdid. Gie innotat li bil-ligi suppost li huwa jibni dan il-hajt. Is-Sindku qal li huwa ma jsib ebda' oggezjoni pero' peress dak li gara xtaq li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill. B'referenza ghal dak li ntqal fl-ittra, s-Sindku qal li r-residenta kienet giet il-Kunsill u huwa kien talab sabiex tibtbghat email. Tkompliet id-diskussjoni fejn giet innotat li trid issir verfika jekk ghaddewx il-hames snin mill-progett biex wiehed jara jekk hux obbligu jew le tal-Kunsill li jerga jinbena min-naha tal-Kunsill jew le. Il-Kunsill qabel li jekk huwa fiz-zmien tal-hames snin ghandu jibghat il-haddiema tieghu biex isiru x-xogholijiet mehtiega biex jinbena l-hajt.

13.5.3 Giet trattata proposta fir-rigward tal-ground tal-futbol. Gie spjegat li l-ground kien qed jintuza mill-Gharb Rangers F.C. u timijiet ohra u issa kienet qeghda ssir proposta sabiex dan jerga' jintuza bhal fis-sena ta' qabel. Minn din l-uzu l-Gharb Ragers kienu qed idahhlu donazzjonijiet li jaghmlu tajjeb ghall-ispiza ta' l-istagun. Inghad li il-Victoria Hotspurs urew l-interess li jaghmlu uzu mill-ground is-sena kollha u barra id-donazzjoni kienu lesti jghinu biex jitranga l-fence tal-ground. Tonio Mifsud staqsa jekk il-Ministeru ghal Ghawdex jistax jaghti biex jitranga l-fence tal-ground fejn is-Sindku wiegeb li diga kienet saret talba f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li jekk insibu fondi nistghu nixtru l-materjal u jsir mill-Kunsill stess iktar milli jsir minn xi kumpanija ghax jigi jiswa inqas. Ikun xi ikun il-ftehim l-Gharb Rangers FC ser jibqa' ikollhom l-uzu preferinzjali fuq it-timijiet kollha, kif ukoll l-skejjel u l-gruppi li sal-gurnata kienu qed jaghmlu uzu minnu dawn ser jibqghu igawdu l-istess preferenza. Il-Victoria Hotspurs ser ihallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma ghal sena u li jirrangaw ic-changing rooms fejn l-ewwel sena jirrangaw naha u sena ta' wara jkomplu bil-parti l-ohra. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel unanimament li din il-materja ghandha tigi diskussa ukoll mall-kumitat tal-Gharb Rangers FC fejn jekk dawn jaqblu ghandhom isiru l-arrangamenti mehtiega.

15.5.4 Giet trattata korrispondenza minghand UTV fejn talbu donazzjoni biex jixxandru l-festi. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jaghti donazzjoni ta' €50.

**13.6 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2024**

13.6.1 Il-Kunsill gie infurmat li s'issa ghadhom ma waslux l-Audited Financial Statements minghand l-awdituri tal-Kunsill.

**13.7 Playing Field Triq Birbuba**

13.7.1 Is-Sindku qal li l-bandli tal-playing field ta' Triq Birbuba huma fi stat hazin u hemm bzonn ta' ohrajn godda. Is-Sindku ssugerixxa li jingabu ohrajn godda li jkunu adegwati ghal qies tal-post li hemm prezenti anke ghal fejn jidhlu s-safety areas taghhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jitlob kwotazzjonijiet sabiex jigu akkwistati ohrajn godda. Joseph Mizzi staqsa jekk hux possibli li jsir disinn tal-passju fejn sar qbil li dawn jistghu jsiru fejn m'hemmx rubber.

**13.8 Applikazzjoni Gozo Action Group**

13.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Gozo Action Group kienet giet approvata. Inizjalment il-Kunsill kien gie fir-raba' post u ma kienx inghata fondi pero' jidher li kien baqa' xi *savings* u l-progett tal-Kunsill li jinkludi sistema ta' ventilazzjoni u airconditioning inkluz l-installazzjoni tal-lift kienet giet approvata ghall-fondi. Is-Sindku rrefera ghad-diskussjoni fl-laqghat precedenti fejn il-Kunsill kien qabel li fondi li kienu inghataw min-naha tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jigu utilizzati sabiex isiru dawn ix-xogholijiet. Peress li issa gie approvat dan il-progett dawn il-fondi jridu jintuzaw ghal skop iehor. Is-Sindku ssugerixxa sabiex issir talba lid-Dipartiment biex il-fondi jintuzaw fl-istess kumpless fejn isiru gym u toilets mall-gym. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

Is-Sindku qal ukoll li l-lift tal-kumpless kien wasal ukoll. Huwa qal li bejn din il-gimgha u d-diehla ser tigi ppublikata l-offerta' tal-ventilation u air condition ghall-dan il-kumpless. Huwa qal li din ghandha ssir b'mod accelerat fejn l-offerta' ddum 15-il gurnata minflok 21 pero' il-Kunsill kien qed jistenna l-approvazzjoni min-naha tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal ukoll li trid issir xi tip ta' purtiera taht il-hgieg sabiex jinghalaq meta jkun hemm bzonn. Kienet diga intalbet kwotazzjoni ghal *blinds* li kienet tammonta ghal €18,000.

**13.9 Progett M4.3**

13.9.1 Saret referenza ghal Triq San Katald fejn kif gie diskuss kienet saret talba biex issir mis-*savings* tal-progett. Gie spjegat li bhala fondi kienu gew approvati u l-Kunsill kien qed jistenna l-ittra ufficjali biex ikun jista' jibda' x-xogholijiet. Bhala offerta' kienet diga inhareg ukoll.

**13.10 Materji ohra**

13.10.1 Il-Kunsill iddiskuta t-tieni parti tal-skemi ta' FInanzjament 2025 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li huma s-segwenti:

SPI.SCI.05.2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026

SPI.SCI.06.2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill-Gvern Centrali

SPI.SCI.07.2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'sahhithom u Kwalita'

Il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjonijiet tieghu f'dawn it-tlett skemi li hemm prezentament miftuha.

13.10.1 Is-Sindku spjega li d-drenagg tal-qiegh ta' Triq Tumas Cassar huwa lest u anke tar-residenzi. Bhala Main tal-ilma tan-naha tal-ground huwa lest ukoll u issa baqa' t-trinka tal-Enemalta. Hekk kif dawn jinhelsu x-xogholijiet infrastrutturali ikunu lesti. Bhala problema huwa li l-fondi li ghandu l-Kunsill huwa ta' €60,000. F'dan l-ammont ma kienx hemm mahsub li jsiru zewg drenaggi u issa x-xogholijiet inbiddlu u l-ispiza zdieded b'wahda sostanzjali . Is-Sindku spjega li huwa ghandu laqgha mall-Water Services Corporation peress li huma ghamlu aktar minn 75% tax-xogholijiet u ghaldaqstant iridu jiehu hsieb l-ispiza. Bhala Kunsill diġà talab ghal approvazzjoni tal-varjazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u saret talba lill-Ministeru ghal Ghawdex ghal aktar fondi. Huwa spjega li aktar tard illum kienet ser issir laqgha mall-Water Services f'dan ir-rigward fejn kien ser jiġi spjegat lilhom li x-xogholijiet saru min-naha taghhom. L-ammont ta' nofs miljun kien jinkludi ukoll xogholijiet ta' bankini fuq iz-zewg nahhat bis-siment. Is-sigar li kien hemm bżonn jitnehhew kienu tnehhew u ohrajn godda indiġeni ser ikunu jistghu jithawlu peress li dawn ma jkollomx hafna gheruq u ma jżommux hafna ghasafar fuqhom. Dawn is-sigar huma sewwa peress li ma jwaqqghux il-hin kollu. Il-Vici Sindku ssugerixxa siġar taz-zebbug pero' gie innotat lil wiehed irid jara liema. Is-Sindku qal li s-sigar li kien hemm kienu kissru huma d-drenagg. Bhala siġar nistghu npoġġu l-hadid sabiex ikunu mall-bazi biex in-nies ikunu jistghu jimxu fuq il-bankina. Saret diskussjoni dwar dak li jista' jsir fejn sar suġġeriment ukoll li ssri manhole u jkun hemm pot ġewwa fiha. Is-Sindku semma x-xoghol ta' skavar li huma neċessarju li jsir minhabba hsarat li sar minhabba s-sigar u li ghaldaqstant kellhom jitnehhew. Is-Sindku qal li wara diskussjoni mall-perit gie innotat li jekk jintradam il-post jintilef l-ispazju ghalhekk gie issugerit li din iz-zona tintuża bhala showers u toilets li jiġu ma' genb il-gym u ghalhekk ma jintilifx spazju mill-gym innifsu.

Is-Sindku qal li issa li lesta l-pool tista' tibda' topera. Li ghad baqa fil-kumpless huwa l-installazzjoni tal-lift u li tinxtara xi ghamara. Gie spjegat li min-naha tal-Pubic Works diġà kienu ghamlu l-lockers. Bhala computers dawn iridu jinxtraw mill-Kunsill stess. Huwa kompla billi qal li fil-prezent qeghdin naghmlu t-timetable ta' kif ser tkun qed topera. Gie spjegat ukoll li mit-8am sa 11am u mill-4pm sas-6pm din ser tkun miftuha ghar-residenti. Intqal ukoll li jekk il-lift ser ikun lest nistghu nibdew noperaw minn Lulju u nippruvaw is-sistema ghal xahar. Hinijiet ohra ser ikunu qed jiġu użati minn diversi gruppi bhal Otters, terapija ghat-tfal, taghlim ghat-tfal u yoga. Il-grupp ERRC ser ikunu qeghdin jaghtu s-servizz fil-hinijiet li l-pool tkun miftuha ghall-uzu tar-residenti. Is-Sindku qal li r-residenti regghu gew ikkuntatjati sabiex nikkonfermaw il-preferenzi tal-hinijiet. Fil-hinijiet l-ohra mhux ser ikun hemm spejjez peress li l-gruppi ser jiehu hsieb huma stess. Jekk ikun il-kaz li l-gruppi jkunu jixtiequ s-servizz ta' ERRC dawn jistghu jaghmlu dan pero' a spejjez taghhom. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li jsir

kuntratt magħhom. Apparti minn hekk irid ikun hemm ukoll cleaner fejn is-Sindku ssugerixxa jew xi ħadd mill-iskema jew ikun hemm xi ħadd apposta. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm il-kuntratt u li jkun hemm cleaner.

13.10.2 Gew diskussi ukoll il-pagamenti bħal membership fejn il-membership għar-residenti tal-Għarb hija ta' €25.00 u €2.50 għal kull sezzjoni filwaqt li dawk li mhumiex residenti bħala membership tista' tkun bejn €35 / €40 u rata ta' €3.50 għal kull sezzjoni. Għar-residenti ta' l-Għarb gie suggerit il-possibilita' li min ikollu problemi jistgħu iċemplu lill-Kunsill u jibbukkjaw minn hemm. S'issa jidher li hemm 167 residenti li huma interessati. Bħala spiża hemm €50 kuljum għall-Kunsill. Il-Kunsill irid jara kemm hemm gruppi regolari lil jużaw il-pool. Il-grupp ta' l-otters gie suggerit li jħallsu €25 kuljum. Il-Viċi Sindku ssugerixxa sabiex jitwaqqaf sotto kumitat biex jieħu ħsieb l-użu tal-pool. Is-Sindku qal ser li ser ikun hemm slots miftuħin bejn it-8am u 11am u bejn l-4pm u 6pm. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jkun hemm ukoll walk-ins. Tonio Mifsud issuġġerixxa li bħala gym tajjeb li jkun hemm offerta' li tieħu ħsieb il-management. Is-Sindku qal li anke għall-pool ikun tajjeb dan it-tip. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm din l-offerta' pero' huwa importanti li n-nies tal-Għarb għandhom jingħataw preferenza. Is-Sindku issuġġerixxa li bħala equipment għandu jinxtara minn min jieħu l-offerta' u li l-offerta' tkun għal management biss u mhux għal post. Il-Kunsill qabel li għandu jerga' jiddiskuti fid-dettal din il-materja.

13.10.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-latrina ta' Triq Trux hux ser tinfetaħ. Gie diskuss u l-Kunsill qabel li għall-festa ikun aktar għaqli li ma' jinfetaħx. Gie diskuss ukoll il-latrina l-oħra fejn gie innotat li galdarbda l-kunsill jiddeċiedi li jwaħħal dak neċessarju biex tintuża bħala latrina pubblika jkun hemm bżonn ta' manutenzjoni u tindif b'mod regolari. Is-Sindku spjega li Triq Trux għad irid jitranġa it-tarmak u l-pavimentar ta' quddiem il-latrina. Gie spjegat li għar-residenti ta' l-Għarb ser tingħata lilhom card u mhux ser iħallsu għall-użu tal-latrina automatika filwaqt li għall-oħrajn ikun hemm il-ħlas.

13.10.4 Joseph Mizzi staqsa jekk il-kiosks tal-festa jistgħux jitħarku għal wara d-dar tal-Arcipriet. Gie innotat li dan mhuwiex post adegwat u għaldaqsant il-Kunsill qabel li għandhom jibqgħu fil-post fejn qegħdin fil-preżent. Tonio Mifsud qal li huwa importanti li jġibu rubish bins magħhom.

13.10.5 Is-Sindku qal li fil-preżent hemm applikazzjoni miftuħa mall-Gozo Action Group fejn huwa ssugerixxa li l-Kunsill japplika biex isiru bins taħt l-art. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li għandu ssir kampanja tat-tindif u jitqassmu boroż.

**13.11 Skeda ta' Pagamenti**

13.11.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**13.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

13.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 24 ta' Gunju, 2025 fid-9am.

13.12.2 Il-laqgha spiccat fl-10.40am

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv